# SALVI BIL-FIDI BISS?

## Mark 16:16

**Skond Ġesù:** "Min jemmen u jitgħammed, isalva; Iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat."

Issa immarka liema tweġiba int taqbel magħha.

1. **Mistoqsija**: "Min isalva" *skond Ġesù*?
   **Tweġiba**: "Min jemmen u jitgħammed, isalva." ☐
   Jew,
   "Min jemmen, isalva, u mbagħad jitgħammed." ☐
   Jew,
   "Min jitgħammed, isalva, u mbagħad jemmen." ☐

## Ġakbu 2:17

"Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun **weħidha** u ma jkollhiex l-opri, **tkun mejta**."

2. **Mistoqsija**:
   Tista' "fidi weħidha" sslava lil xi ħadd?
   **Tweġiba**: IVA LE

## Ġakbu 2:24

"Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem, **u mhux bil-fidi biss**."

3. **Mistoqsija**:
   Jista' bniedem isir "ġust" bil-"fidi biss"?
   **Tweġiba**: IVA LE

## Ġakbu 3:21

"Abraham missierna mhux **bl-opri kien iġġustifikat**, meta offra 'l ibnu Iżakk fuq l-artal?"

4. **Mistoqsija**:
Kien Abraham iġġustifikat bil-fidi jew bl-opri?

**Tweġiba**: Bl-opri ☐ – Bil-fidi ☐

**Ġakbu 2:26**

"Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet, hekk il-fidi bla opri hi mejta."

5. **Mistoqsija**:
Hija l-fidi "mingħajr opri," **mejta**?

**Tweġiba**: IVA LE

**Ġakbu 2:22**

"Tara kif il-fidi kienet taħdem **ma' l-opri** tiegħu, u kif **bl-opri l-fidi saret perfetta**?"

6. **Mistoqsija**:
Tista' l-fidi "mingħajr opri" ssir perfetta?

**Tweġiba**: IVA LE

**Lhud 5:9**

"U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża għas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha **li jobduh**."

7. **Mistoqsija**:
Għal min Ġesù sar il-kawża għas-salvazzjoni ta' dejjem?

**Tweġiba**:
"Għal dawk kollha li jobduh. ☐
"Għal dawk kollha li għandhom "il-fidi biss." ☐

**Mattew 28:19**

"Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom **fl-Isem** tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."

8. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Hija l-magħmudija "fl-isem" tat-Tliet Persuni, jiġifieri, tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu?

   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

9. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Tista' persuna ssir ħaġa waħda f'Dak **l-Isem** **<u>qabel</u>** ma hija tkun tgħammdet?

   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Galatin 3:27</u>

"Għax intom ilkoll li **tgħammidtu** fi Kristu **lbistu** 'l Kristu."

10. **<u>Mistoqsija</u>:**
    Tista' persuna "**tilbes** 'il Kristu" **<u>qabel</u>** ma hija tkun tgħammdet?

    **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Rumani 6:4</u>

"Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, <u>hekk ukoll aħna **ngħixu ħajja ġdida**</u>."

11. **<u>Mistoqsija</u>:**
    Tista' persuna tibda "tgħix **ħajja ġdida**" **<u>qabel</u>** ma hija tkun ġiet midfuna ma' Ġesù Kristu bil-magħmudija fil-mewt?

    **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Rumani 6:5</u>

"Għax jekk <u>sirna **ħaġa waħda** miegħu</u> fix-xebħ tal-mewt tiegħu, hekk ukoll inkunu fix-xebh tal-qawmien tiegħu."

12. **<u>Mistoqsija</u>**:
Tista' persuna ssir "**ħaġa waħda**" ma' Kristu fix-xebħ tal-mewt Tiegħu **<u>qabel</u>** ma hija tkun tgħamm-det?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

13. **<u>Mistoqsija</u>**:
Hija l-magħmudija ta' l-ilma **<u>kmandament</u>** tal-Mulej?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

Aqra issa Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; Luqa 6:46!

14. **<u>Mistoqsija</u>**:
Tista' persuna ssalva mingħajr ma **<u>tobdi l-kmadna-ment</u>** tal-Mulej?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

Jekk jogħġbok, erga' aqra Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; Luqa 6:46 u Lhud 5:9!

## <u>Efesin 4:5</u>

"Mulej wieħed, fidi waħda, **<u>magħmudija waħda</u>**."

15. **<u>Mistoqsija</u>**:
Liema hija l-"magħmudija <u>waħda</u>" minn dawn:

1. Il-magħmudija f'Mosè (1 Korintin 10:1-2)?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

2. Il-Magħmudija ta' Ġwanni (Mattew 3:1-2,11)?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

3. Il-Magħmudija tat-tbatija (Mattew 20:22-23)?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

4. Il-Magħmudija tan-nar (Mattew 3:11)?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

5. Il-Magħmudija għall-mejtin (1 Korintin 15:29)?
**Tweġiba**: IVA LE

6. Il-Magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu (Mattew 3:11)?

**Tweġiba**: IVA LE

7. Il-Magħmudija ta' l-ilma? (Matt. 28:19; Mark 16: 16; Atti 2:38; 8:36-39; Rumani 6:3-4; Kolossin 2:12; eċċ.)

**Tweġiba**: IVA LE

Ftakar li hemm biss magħmudija **waħda**, u mhux aktar minn waħda! Liema **waħda** hi mis-seba' magħmudijiet im-semmija fuq?

## Atti 2:38

"Imbagħad Pietru qalilhom: **Indmu**, u kull wieħed minn-kom **jitgħammed** f'isem Ġesù Kristu ***għall*-maħfra tad-dnubiet**, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."

## Luqa 24:47

"U li l-indiema **għall-maħfra tad-dnubiet** tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem."

**16. Mistoqsija**:

Huma *l-indiema* **u** *l-magħmudija* kkmandati biex per-suna tirċievi l-maħfra ta' dnubietha?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 26:28

"Għax dan hu demmi tat-testment il-ġdid, li hu mxerred għal ħafna *għall*-maħfra tad-dnubiet."

**17. Mistoqsija**:

Huwa d-demm ta' Ġesù mxerred għaliex il-bnedmin kienu **diġa'** kisbu l-maħfra ta' dnubiethom **qabel** ma Hu miet għalihom fuq is-salib jew **biex jiksbu** l-maħ-fra tad-dnubiet permezz tal-mewt Tiegħu fuq is-salib?

**Tweġiba**:

Għaliex huma kienu **diġa’** kisbu l-maħfra ta’ dnubiethom **qabel** ma Hu miet għalihom fuq is-salib. ☐

Jew:

**Biex jiksbu** l-maħfra tad-dnubiet permezz tal-mewt Tiegħu fuq is-salib. ☐

**1 Pietru 3:21**

"U l-magħmudija, li hi xbieha ta’ dan, **issalvana** issa wkoll mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġisem, imma bi tweġiba ta’ kuxjenza tajba ’l Alla, bil-qawma ta’ Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet."

18. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Pietru, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, "il-magħmudija **ssalvana** issa wkoll"?

**Tweġiba**: IVA LE

**Tinsiex li:**

"**Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli ’ll-bnedmin**." (Atti 5:29).

**Tinsiex ukoll it-twissija:**

"Tħallu ’l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t’Alla fuq ulied id-diżubbidjenza." (Efesin 5:6)

19. **Mistoqsija: Lest int li "tobdi aktar lil Alla milli ’ll-bnedmin?** IVA LE